MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 388/2008

**Mario Tonna**

**Vs**

**Edwin Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rapprezenta tal-kumpanija L&M Camilleri Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Mario Tonna fejn espona bir-rispett:

Illi permezz tar-rikors tieghu datat 31 t'Ottubru, 2008 fl-atti tal-ittra ufficjali msemmija l-esponenti umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar it-titolu ezekuttiv li nhareg wara l-ittra ufficjali numru 3648/08 u dan ghar-ragunijiet premessi brevement fl-istess rikors u ghal dak li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz tar-risposta taghha datata 12 ta' Novembru, 2008 il-mittenti fuq l-istess ittra ufficjali surreferita opponiet it-talba ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija u talbet li din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors ta' Mario Tonna u tikkonferma l-validita' tat-titolu ezekuttiv rizultanti mill-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 3648/08 bl-ispejjez kollha ta' dan ir-rikors kontra r-rikorrent.

Illi permezz tad-digriet datat 21 ta' Novembru 2008 din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-esponenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi u dan minghajr ma nstemghu l-partijiet.

Illi a tenur tal-art. 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili tali decizjoni kellha tittiehed biss wara li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh.

Illi jirrizulta car illi l-procedura indikata fl-art. 166A ghall-kontestazzjoni tal-ittra ufficjali ezekuttiva ma gietx segwita u ghalhekk ukoll jezistu l-estremi kollha sabiex id-digriet surreferit datat 21 ta' Novembru, 2008 jigi revokat 'contrario imperio' filwaqt illi l-imsemmi rikors jigi appuntat ghas-smiegh qabel tinghata d-decizjoni relattiva fuq l-istess.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha datat 21 ta' Novembru, 2008 filwaqt illi tappunta r-rikors tal-esponenti datat 21 t'Ottubru, 2008 ghas-smiegh tal-provi tal-partijiet a tenur tal-art. 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata l-10 ta' Gunju tas-sena 2009, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet it-talba tar-rikorrenti u rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2008 fuq indikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, ordnat ir-revoka tas-sentenza fuq riferita u rrinvjat l-atti lill-ewwel qorti ghad-decizjoni skont il-ligi.

Rat il-verbal fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2010 fejn *"Il-partijiet infurmaw il-Qorti saret konfuzjoni enormi fil-procedura u ghaldaqstant jitolbu illi l-atti rilevanti jkunu r-rikors promotur datat 2 ta' Dicembru 2008 li ghalih l-intimat jitlob zmien biex jirregistra risposta ghall-istess zmien li tirrizulta mill-process li dahlet fi process zbaljat."*[1]

Rat in-nota tas-socjeta intimata datata s-17 ta' Novembru 2010, li permezz taghha annetta kopja tar-risposta ghar-rikors promotur li kienet giet prezentata fl-atti originarjament nhar it-18 ta' Frar 2009, u li bi zvista tar-Registru giet prezentata fl-atti ta' rikors iehor fl-istess ismijiet bin-numru 59/2009.[2]

Rat din ir-risposta tas-socjeta intimata ghar-rikors promotur, fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit ir-*res judicata* tal-mertu ta' dan ir-rikors stante li d-digriet datat 21 ta' Novembru 2008, ma giex appellat u llum huwa *res judicata* bejn il-partijiet u ghaldaqstant legalment ma jistax jigi revokat *"contrario imperio"* kif qed jitlob Mario Tonna.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda stante li ma jezisti l-ebda rikors datat 21 t'Ottubru, 2008, kif elenkat fit-talba tar-rikorrent;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, is-socjeta esponenti taghmel referenza ghar-risposta originali taghha ghar-rikors datat 31 ta' Ottubru, 2008 u zzomm fermi l-

[1] Ara fol. 124 tal-process.
[2] Ara fol. 125 *et seq.* tal-process.

eccezzjonijiet taghha u talbet lil din il-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata d-19 ta' April 2011, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet ir-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha u irrispengiet it-talbiet tar-rikorrenti Tonna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Marzu 2012, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, hassret u rrevokat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta' April 2011 ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u rrinvjat l-atti lill-ewwel qorti sabiex jigi trattat u deciz il-mertu tar-rikors promotorju, fid-dawl tar-risposta solllevata mill-intimat appellat, b'dan li l-kaz jigi finalment deciz skont il-ligi.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din is-saga ta' proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-31 ta' Ottubru 2008 ir-rikorrent odjern ipprezenta rikors fejn talab ir-revoka tal-Ittra Ufficcjali 2648/08 mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili, ghaliex tali notifika ma kienitx valida. Saret risposta mis-socjeta intimata odjerna u inghata digriet datat 21 ta' Novembru 2008 in kamera.

2. Fir-rikors odjern datat 2 ta' Dicembru 2008, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2008 ghaliex ir-rikors tal-31 t'Ottubru ma giex appuntat ghas-smiegh. Ir-risposta tas-socjeta intimata qatt ma giet inserita fil-process, u dwar dan inghatat decizjoni minn din il-Qorti, wara li l-istess rikors gie appuntat ghas-smiegh fl-10 ta' Gunju 2009;

3. Sar rikors iehor datat 13 ta' Frar 2009 (Nru: 59/09) fejn intalbet is-sospensjoni tat-titolu esekuttiv. Dan gie wkoll deciz fl-10 ta' Gunju 2009.

4. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Dicembru 2009, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Gunju 2009 giet annullata ghaliex ma gewx ikkunsidrati l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fir-risposta taghha ghall-istess rikors tal-31 t'Ottubru 2008, proprju ghaliex l-istess risposta bi zball lanqas biss kienet iddahlet fil-process, u l-eccezzjoni tar-*res judicata* qat ma giet deciza b'kap separat ghaliha, qabel jew flimkien mad-decizjoni fil-mertu skont l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12, u allura l-atti gew rinvjati lil din il-Qorti.

5. Quddiem din il-Qorti, giet imdahhla fil-process ir-risposta tas-socjeta intimata, liema risposta giet riprodotta iktar il-fuq.

6. Din il-Qorti iddecidiet il-vertenza b'sentenza tad-19 t'April 2011, li akkoljiet r-risposta tas-socjeta intimata fl-interezza taghha u irrispengiet it-talba tar-rikorrenti Tonna.

7. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012, is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 t'April 2011 giet imhassra u revokata ghax kienet nulla u bla effett, u l-atti regghu intbaghtu lura lil din il-Qorti, sabiex jigi trattat u deciz il-mertu tar-rikors promotorju fid-dawl tar-risposta sollevata mis-socjeta intimata.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti ser tikkonsidra fl-ewwel lok, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata fis-sens illi il-mertu ta' dan ir-rikors promotur huwa *res judicata* stante li d-digriet datat 21 ta' Novembru 2008, moghti minn din il-Qorti ma giex appellat u llum huwa *res judicata* bejn il-partijiet u ghaldaqstant legalment ma jistax jigi revokat *"contrario imperio"* kif qed jitlob Mario Tonna.

Sabiex tiddeciedi din l-eccezzjoni, il-Qorti trid l-ewwel tiddetermina n-natura tal-provvediment li jigi moghti mill-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Procedura Civili, cioe hux digriet interlokutorju kif qed jissottometti r-rikorrent jew hux digriet definittiv jew ahjar sentenza, kif qed tissottometti s-socjeta intimata.

Fis-sentenza **Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et**, deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Id-digrieti kamerali minhabba l-karatteristika taghhom imsemmija ma jistghu qatt jigu kkunsidrati sentenzi (**Lawrence Ellul Sullivan et noe v. Lawrence Ciantar**, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu 1992 Vol. LXXVI.ii.410). Hu wkoll pacifiku illi "Wiehed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwu digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jigi revokat "contrario imperio" mill-Qorti li tkun proferitu, dan ma jistax isir fil-kaz ta' sentenza (**Alfred Piscopo v. Direttur tas-Servizzi Socjali**, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 1992 Vol. LXXVI.ii.252).*

Fis-sentenza **Philip O. Gatt pro et noe v. Adrian Busietta pro et noe** deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] osservat hekk:

*"Illi m'hemm dubju li d-distinzjoni bejn degriet u sentenza ghadha tiswa sal-lum il-gurnata. Minbarra l-ghazla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li ghandhom min-natura ta' degriet jintgharfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza principalment minn jekk dawn jaghlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun inghata. Huwa maqbul b'awtorita' li jekk decizjoni taghlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naha l-ohra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett procedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bhala degriet.[4] Kif inghad b'awtorita'[5], dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittivita' taghha, fis-sens ta' quando terminat negotium de quo*

[3] *Per* Imhallef Joseph Micallef.
[4] *Ara Prof. Caruana Notes on Civil Procedure pa[. 1419; Mattirolo Diritto Giudiziario, Vol. IV, pp 16-7; u Mortara Digesto Italiano Vol XXI (voce " Sentenza Civile"), pag. 450 ff.*
[5] *App. Civ. 29.4.1925 fil-kawza fl-ismijiet Tabone vs Borg Olivier (Kollez. Vol: XXVI.i.115)*

*agitur, u tista' tkun ta' zewg ghamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwestjoni, jew li tehles lill-imharrek milli joqghod fil-kawza. Min-naha l-ohra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jinghataw matul is-smigh tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet ancillari. L-izjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix gudikat ghall-qorti li tkun taghtu, ghall-kuntrarju ta' dak li jsehh f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjez ghal stadju iehor, dan ikun sinjal car li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza;"*

Dan l-istess insenjament gie ripetut ukoll fis-sentenza **Avukat Francis Portanier noe vs. George Micallef noe** deciza fl-10 ta' Jannar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] ghallmet illi *"Intqal mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, illi "è notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non è semplice quistione di parole, dacche importa bene distinguere i veri ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all' appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per se stessi siccome il loro contenuto misura l' esercizio della giurisdizione e determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell'identico soggetto in riguardo all' ammissibilita` o meno della eccezione di cosa giudicata. Poiche mentre la sentenza definitiva fa cessar la giurisdizione del tribunale che l'avesse pronunciata e porga le basi alle eccezioni della cosa giudicata, i decreti interlocutori per legge espressa non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunciati, quando le si dimostrasse una giusta causa per dipartirsene" - "**Maria vedova di Paolo Pace Axiak -vs- Vincenzo Caruana**", Appell Civili, 27 ta' Ottubru 1920 (Kollez. Vol. XXIV P I p 582)."*

Fil-kaz odjern, l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn."*

Ghalhekk, il-qofol tal-kwestjoni huwa jekk il-provvediment li taghti l-Qorti meta tiddeciedi ai termini ta' dan l-Artikolu 166A(5) jekk it-titolu ezekuttiv hux validu jew null huwiex degriet interlokutorju jew huwiex sentenza, jew digriet definittiv. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, it-twegiba ghandha tkun li dan il-provvediment huwa sentenza jew digriet definittiv, ghaliex dan il-provvediment jiddetermina b'mod definittiv – suggett ovvjament ghad-dritt t'appell, kif ser jinghad iktar l-isfel – il-validita tat-titolu ezekuttiv miksub ai termini tal-Artikolu 166A(5). Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, certament ma kinietx l-intenzjoni tal-legislatur, li wara li Qorti tiddikjara li t-titolu ezekuttiv ikun ghal grazzja tal-argument validu jew invalidu, dik l-istess Qorti, fuq rikors ta' xi wahda mill-partijiet, tirrevedi d-decizjoni taghha, u tiddikjara li t-titolu ezekuttiv huwa wiehed invalidu jew validu, skont il-kaz. Dan apparti kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali li jistghu jinqalghu kieku din kienet vera l-intenzjoni tal-legislatur.

Il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7] kellha okkazzjoni tikkunsidra n-natura ta' dan il-provvediment moghti taht l-Artikolu 166A(5) fis-sentenza **Panta Marketing & Services Ltd v. George Farrugia**, deciza fit-12 ta' Dicembru 2002. F'din il-kawza, il-Qorti kienet tat provvediment taht l-Artikolu 166A(5) u gie intavolat appell minn dan il-provvediment. L-appellant issolleva preliminarjament il-kwistjoni li l-provvediment moghti taht l-Artikolu 166A kien inappellabbli. Il-Qorti tal-Appell ma qablitx ma din is-sottomissjoni u rriteniet hekk: *"Ibda biex, fis-sistema delinejata mill-Kodici ritwali taghna l-opposizzjoni ghall-atti ezekuttivi, u in partikolari fejn ikun mahsub li tinkiseb in-nullita jew rexxissjoni taghhom trid issir bi procediment kontenzjuz, u konkluza bi provvediment li jirrapprezenta l-karatteristici ta' sentenza emessa wara l-konkluzjoni ta' provvediment introdott u zvolt skond il-forma tal-process kontenzjuz ordinarju. Fit-tieni lok, il-principju mperanti jibqa' dejjem dak illi, salv li l-ligi ma tipprovdix xort' ohra, sentenza ta' qorti jew tribunal inferjuri hi soggetta ghall-appell."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-provvediment moghti taht l-Artikolu 166A(5) irid *"jirrapprezenta l-karatteristici ta' sentenza"* u huwa soggett ghall-appell.

[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fid-dawl tas-suespost, l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hija li jekk ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-provvediment moghti minn din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 2008 minhabba allegati nuqqasijiet procedurali u/jew sostantivi, ir-rimedju tieghu kien li jappella minn dak il-provvediment. Huwa vera li fil-kaz odjern dan il-provvediment gie moghti kameralment u mhux fil-Qorti bil-miftuh, u allura ghandu wahda mill-karatteristici ta' sentenza nieqsa, izda fl-opinjoni tal-Qorti dan ma jista' qatt ibiddel in-natura tal-provvediment bhala wiehed definittiv u finali, kif koncepita mil-legislatur fil-ligi *de quo*. Jekk ir-rikorrent hass ruhu aggravat ukoll mill-fatt li l-provvediment inghata kameralment u mhux fil-Qorti bil-miftuh, allura, dan kellu jifforma wiehed mill-aggravji tar-rikorrent fl-appell tieghu.

Ovvjament, illum il-gurnata, il-provvediment ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 2008 dwar il-validita tat-titolu ezekuttiv sar *res judicata.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u tiddikjara li l-provvediment moghti fil-21 ta' Novembru 2008 minn din il-Qorti llum huwa *res judicata* bejn il-partijiet;
2. tiddikjara li l-procedura addottata mir-rikorrent fir-rikors promotur odjern hija irritwali, u ghaldaqstant,
3. tichad it-talbiet fir-rikors promotur tar-rikorrent tat-2 ta' Dicembru 2008.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri,  ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------